MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1306/2007

Simon **PARNIS**

vs

Benedetta **MEILAK**, Raymond Meilak, Christopher Meilak, Herman Meilak, Veronica Tabone, ilkoll bħala eredi tad-defunt Joseph Meilak

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-14 ta' Diċembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ, għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuh is-somma ta' tlieta u disgħin elf tliet mija u sitta u disgħin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmi (€ 93,396.23), ekwivalenti għal erbgħin elf u ħamsa u disgħin lira Maltija (Lm 40,095), import ta' self *brevi manu* magħmul mill-istess attur lil Joseph Meilak, liema somma l-istess Joseph Meilak ipprova jħallas permezz ta' żewġ *cheques* li ma ġewx onorati u dan (ċ) jekk meħtieġ, wara li tiddikjara li l-imħarrkin għandhom jagħtu lill-attur dik is-somma u, f'każ li xi ħadd mill-imħarrkin ma jkunx għadu laqa' l-wirt tal-imsemmi Joseph Meilak, billi l-Qorti tordna lil tali mħarrkin li jagħmlu dan fiż-żmien perentorju li jogħġobha tiffissalhom għal dan il-għan. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-5 ta' Awwissu, 2007;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2008[1], li bih ordnat li fi żmien ħmistax-il jum titressaq kopja legali tar-rinunzja għall-wirt ta' Joseph Meilak min-naħa ta' wliedu u tat lill-imħarrka Benedetta Meliak il-fakulta' li tikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota mressaq mill-imħarrka Benedetta Meilak fit-13 ta' Marzu, 2008[2], b'kopja tal-atti tad-degriet numru 74/2008 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) dwar ir-

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġġ. 22 – 8 tal-proċess

rinunzja min-naħa tal-imħarrkin Christopher, Herman, Raymond u Veronica Tabone, aħwa Meilak, dwar il-wirt ta’ missierhom Joseph Meilak;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka Benedetta Meilak fl-14 ta’ Marzu, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kienet bl-ebda mod involuta f’xi negozju ta’ self li seta’ sar bejn l-attur u żewġha. Qanqlet il-kwestjoni li m’hijiex ħaġa li titwemmen li jsir self bla kitba, bla ma tisemma data jew għal ammont “eżatt ta’ Lm 40,095 minflok għal somma ‘tonda’ ta’ Lm 40,000 jew Lm 40,100”. Seħqet ukoll li jekk tassew sar self mill-attur, dan kien illegali għaliex l-attur naqas li juri li huwa kien liċenzjat kif imiss mill-awtoritajiet kompetenti biex isellef flejjes lin-nies;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Novembru, 2008, li bih iddikjarat li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu Noti ta’ Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-12 ta’ Diċembru, 2008[3];

[3] Paġġ. 55 – 7 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Diċembru, 2008, li bih bidlet *contrario imperio* d-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2008, u tat lill-imħarrka l-aħħar opportunita' li tagħti x-xhieda tagħha wara li kien inħatrilha avukat difensur bil-benefiċċju tal-Għajnuna Legali;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-kundanna ta' ħlas lura ta' self magħmul fuq l-idejn. L-attur jgħid li, f'xi żmien, kien silef lil wieħed Joseph Meilak somom ta' flus u li baqa' ma tħallasx lura. Meilak kien ħareġ żewġ *cheques* li, madankollu, baqgħu ma ssarrfux. Billi, sadattant, Meilak miet, l-attur mexxa kontra l-armla tiegħu u kontra wliedu biex jiġbor flusu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin imxew b'dan il-mod. Ulied Meilak irrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom, u l-armla laqgħet għall-azzjoni billi qalet li hi qatt ma kienet indaħlet f'xi negozju ta' self bejn l-attur u żewġha. F'kull każ, l-attur irid jipprova s-self li qiegħed jgħid li

sar, ladarba ma kien hemm l-ebda kitba, la kien hemm data ta' meta sar is-self u ma jistax jitwemmen li l-ammont ta' self kien dak muri fiż-żewġ *cheques* u mhux somma 'tonda'. Qanqlet ukoll il-kwestjoni tas-siwi ta' self ladarba l-attur ma weriex li kien persuna b'liċenza biex tislef il-flus lin-nies;

Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li għall-ħabta tal-2002, żewġ l-imħarrka Joseph Meliak kien bagħat għall-attur biex ikellmu. L-attur u Meilak kienu ħbieb. L-attur mar id-dar tiegħu u Meilak talbu jisilfu xi flus li bihom ried iħallas lil xi kredituri tiegħu li kienu qegħdin jiġru warajh għall-ħlas u jhedduh jekk jibqa' ma jħallashomx. L-attur għaddielu l-flus li talbu u Meliak ħareġ żewġ *cheques* bl-ammonti li jaqblu mas-somom mislufa. Il-ftehim kien li Meilak irodd lura l-flus fi żmien ftit xhur;

Illi meta sar iż-żmien, l-attur mar għall-ħlas, imma Meilak qallu li ma setax iħallsu għaliex "ma daħlux il-flus li kellhom jidħlu". Għalhekk, iċ-*cheques* baqgħu jiġġeddu minn żmien għal żmien[4]. Minħabba li l-ħlas baqa' ma sarx, fuq suġġeriment tal-istess Meilak, l-attur kien għen biex isib il-bejgħ tad-dar ta' Meilak. F'xi żmien matul l-2007, kien saħansitra sar konvenju għand nutar, iżda n-negozju waqaf għax lin-nutar irriżultalu li kien hemm djun kbar fuq id-dar;

Illi fil-bidu ta' Awwissu tal-2007, Joseph Meilak reġa' ħareġ żewġ *cheques*[5], pagabbli lill-attur, wieħed għall-ammont ta' Lm 15,375 u l-ieħor għal Lm 24,720. Sa dak iż-żmien kienu tħallsu elf lira (Lm

[4] Xhieda tal-attur 23.4.2008, f'paġ. 33 tal-proċess
[5] Dokti "A" u "B", f'paġ. 4 tal-proċess

1,000) minn dak l-ammont[6]. Joseph Meilak miet fis-26 ta' Settembru, 2007[7]. Lejn l-aħħar ta' Novembru, 2007, l-attur (li kien sar jaf li Meilak kien miet) ippreżenta ż-żewġ *cheques* lill-Bank għat-tisrif tagħhom, imma dawn ma ssarrfux għaliex sadattant il-kont ingħalaq. Fit-28 ta' Novembru, 2007, b'ittra uffiċjali, l-attur talab lill-imħarrkin iħallsuh is-somma import tal-imsemmija żewġ *cheques*, u fl-14 ta' Diċembru, 2007, fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin ma' din il-kawża, l-Qorti jidhrilha li l-ewwel għandha tqis **il-pożizzjoni tal-imħarrkin, aħwa Meilak, ulied Joseph**. Matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża[8], huma ressqu Nota flimkien quddiem il-Qorti kompetenti, li biha irrinunzjaw espressament għall-wirt ta' missierhom. Minħabba li werriet li jirrinunzja għal wirt jitqies li qatt ma kien werriet[9] l-azzjoni tal-attur ma tistax għalihom ladarba tħarrku bħala werrieta tal-preżunt debitur. M'huwiex magħruf jekk l-imħarrkin li rrinunzjaw għandhomx ulied[10]. Jiġi wkoll li l-wirt ta' Joseph Meilak issa huwa battal[11]. Matul is-smigħ ta' din il-kawża, l-attur bħala kreditur ma talab l-ebda rimedju f'dan ir-rigward[12], minkejja li kien mgħarraf bir-rinunzja fi stadju bikri tagħha;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qieghda teħles lill-imħarrkin Raymond Meilak, Christopher Meilak, Herman Meilak u Veronica Tabone milli jibqgħu iżjed fil-kawża;

---

6 Xhieda tal-attur, f'paġ. 39 tal-proċess
7 Dok "E", f'paġ. 5 tal-proċess
8 Kemm hu hekk, l-attur talab ukoll li l-Qorti tordna lill-imħarrkin jiddikjaraw jekk kinux iridu jaċċettaw il-wirt ta' missierhom u, f'każ li kien hemm bżonn, li tordnalhom jagħmlu dikjarazzjoni f'dak is-sens fiż-żmien li din il-Qorti kien jogħġobha timponilhom
9 Art. 862(1) tal-Kap 16
10 Art. 864(2) tal-Kap 16
11 Art. 903 tal-Kap 16
12 Ara art. 866 tal-Kap 16

Illi **dwar l-eżistenza tas-self** irid jingħad li bejn l-attur u Joseph Meilak ma kienet saret l-ebda kitba ta' kostituzzjoni ta' dejn. Ma jidhirx lanqas li s-self kien sar f'okkażjoni waħda, għaliex il-kuntatti bejniethom jidher li kienu ilhom għaddejjin għal tul ta' żmien. Il-liġi ma titlobx il-forma miktuba *ad validitatem* fil-każ ta' mutwu, imma biss fil-każ ta' wegħda ta' self bħal dak[13]. L-għarfien li kien hemm rabta li kienet twassal għal ħlas lill-attur joħroġ mill-fatt waħdu li Joseph Meilak ħareġ żewġ *cheques* pagabbli lill-attur f'medda ta' ftit jiem minn xulxin f'Awwissu tal-2007. Mill-provi mressqa ħareġ ukoll li dawn iż-żewġ *cheques* huma l-aħħar minn sensiela li kienu jinħarġu favur l-attur minn Meilak kull sitt xhur sa minn meta l-attur kien għaddielu l-flus f'xi żmien matul l-2002;

Illi huwa magħruf li l-offerta u l-aċċettazzjoni ta' *cheque* jikkostitwixxi ħlas b'kundizzjoni u mhux il-ħlas innifsu[14] (sakemm iċ-*cheque* jissarraf), iżda dik l-offerta u dak iċ-*cheque* jixhdu l-eżistenza tal-obbligazzjoni li għat-twettiq tagħha jkun ġie offert dak il-ħlas. Fuq kollox, jidher li, billi ċ-*cheques* kienu jinħarġu kull sitt xhur, Meilak kien qiegħed iġedded u jtenni l-eżistenza tal-obbligazzjoni li kellu favur l-attur;

Illi minn dak kollu li joħroġ mill-atti tal-kawża u b'żieda mal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti ssib li tassew kienet teżisti rabta ta' kreditur u debitur bejn l-attur u l-mejjet Joseph Meilak u li din ir-rabta kienet maħluqa bl-għoti b'self ta' somom ta' flus li riedu jintraddu lura fin-numru u l-għadd skond il-valur legali tagħhom fi żmien il-ħlas[15];

Illi l-imħarrka qanqlet il-kwestjoni ta**s-siwi tas-self magħmul lil żewġha**. Hija sejsitha fuq żewġ konsiderazzjonijiet. L-ewwel

[13] Art. 1233(1)(b) tal-Kap 16
[14] Kumm. GS **16.6.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Mellor noe vs Anthony P. Portelli*** (mhix pubblikata)
[15] Artt. 1842 u 1844 tal-Kap 16

waħda marbuta mal-fatt li hija tgħid li ma kienet qatt involuta fin-negozji li saru bejn żewġha u l-attur. It-tieni waħda bnietha fuq in-nuqqas ta' liċenza mill-awtorita' kompetenti biex l-attur jislef il-flus. Ma jidhirx li huwa kontestat li, sakemm Joseph Meilak kien għadu ħaj, bejnu u martu l-imħarrka Benedetta Meilak kienet teżisti l-komunjoni tal-akkwisti. Ma nġabitx prova mod ieħor, u għalhekk taħdem il-preżunzjoni stabilita mil-liġi li hekk kien il-każ[16]. Dan ifisser ukoll li, mal-mewt ta' Joseph Meilak, dik il-komunjoni nħallet. Jirriżulta wkoll li s-self mill-attur lil Meilak sar meta dan kien diġa' miżżewweġ lill-imħarrka;

Illi fejn, bejn persuni miżżewġin, tapplika l-komunjoni tal-akkwisti dwar it-tmexxija tal-ġid materjali tagħhom, il-liġi trid li t-tnejn li huma jkollhom setgħat ta' tmexxija ndaqs u li t-tnejn li huma jridu joqogħdu għal dak li hemm provdut fil-liġi[17]. Għalhekk, il-liġi tgħid li t-tmexxija ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar tmexxija bħal dik tmiss lil kull wieħed mill-miżżewġin[18]. Iżda, dwar għemejjel meqjusa bħala dawk ta' tmexxija straordinarja u l-jedd li wieħed iħarrek jew li jiġi mħarrek dwar tali għemejjel tmiss liż-żewġ miżżewġin flimkien;

Illi huma ta' għamla straordinarja biss dawk l-atti li l-liġi tgħid[19] li għandhom jitqiesu bħala għemejjel ta' għamla straordinarja, u fejn għamil ma jaqax f'dik il-kategorija għandu jintgħadd bħala għamil ta' tmexxija ordinarja. Is-self ta' flus minn jew lil persuna li tkun miżżewġa jitqies mil-liġi bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja[20]. Għalhekk, il-liġi trid li għamil bħal dak imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien[21], sakemm dak is-self ma jkunx att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni ta' dik il-parti li tkun isselfet jew silfet[22];

16 Art. 1316(1) tal-Kap 16
17 Art. 1319 tal-Kap 16
18 Art. 1322(1) tal-Kap 16
19 Art. 1322(3) tal-Kap 16
20 Art. 1322(3)(f) tal-Kap 16
21 Art. 1322(2) tal-Kap 16
22 Art. 1324 tal-Kap 16

Illi fejn għamil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għamil xorta waħda jkun jgħodd. Imma jekk l-għamil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għamil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att[23]. Kull għamil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin flimkien imma li jsir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha[24]. Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għamil straordinarju, dan irid isir fi żmien limitat[25], li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jntbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq ta' l-għamil[26];

Illi dawn id-dispożizzjonijiet juru li l-imħarrka ma għandhiex raġun tgħid li xi self li ngħata lil żewġha mingħand l-attur mingħajr ma ħadet sehem fih hi għandu jitqies null u bla effett. Fejn hemm nullita' ta' dawn l-għemejjel, din m'hijiex nullita' assoluta, imma biss waħda relattiva: l-għamil jibqa' jiswa sakemm ma jiġix imħassar. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma jirriżultax li l-imħarrka qatt fetħet xi kawża biex twaqqa' s-self li żewġha seta' rċieva, jew biex jirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti bid-dejn li seta' għabbiha bih bis-saħħa tas-self li seta' ngħata mingħand l-attur;

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-għaref avukat tal-imħarrka li l-għamil straordinarju mwettaq minn wieħed biss mill-

[23] Art. 1326(1) tal-Kap 16
[24] Art. 1326(5) tal-Kap 16.
[25] Art. 1326(2) tal-Kap 16
[26] Art. 1326(3) TAL-Kap 16

partijiet miżżewġin bla għarfien jew minn wara dahar il-parti miżżewġa l-oħra huwa għamil null *ab initio* u dan għaliex il-liġi ma tgħidx hekk. Fejn il-liġi trid li għamil ma jkunx jiswa għaliex nieqes minn xi kwalita' essenzjali u meħtieġa, l-liġi tgħidu espressament u lil ħadd m'huwa mħolli li jimplikah b'tiġbid, tixbih, jew b'analoġija. F'dan ir-rigward ukoll għandu raġun l-għaref avukat tal-attur li jgħid li l-għamil ta' self huwa wieħed minn dawk li, lanqas jekk il-parti miżżewġa trid tattakkah u tagħmel dan bil-mod u fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, ma jwassal għat-tħassir tal-għamil, imma biss għar-rimedju sussidjarju tar-reintegrazzjoni jew tal-ħlas tad-danni;

Illi fid-dawl tar-riżultanzi u tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, tqum il-kwestjoni dwar jekk għamil straordinarju li jsir minn jew bl-għarfien ta' waħda biss mill-partijiet miżżewġin u li dwaru ma ssirx kawża għat-tħassir jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni tal-akkwisti daqslikieku kien għamil li sar mit-tnejn[27], jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun għamlitu[28]. Il-liġi tgħid liema huma d-djun magħmulin minn persuna miżżewġa li jgħabbu lill-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn dik il-persuna u s-sieħeb jew sieħba tagħha. Dawk iċ-ċirkostanzi huma tassattivi u l-liġi tagħmilha ċara li huma dawk id-djun "biss"[29] li jgħabbu 'l-komunjoni;

Illi l-Qorti tqis li s-self magħmul mill-attur lil Joseph Meilak bla ma kienet involuta l-imħarrka Benedetta Meilak ma jikkwalifikax bħala għamil normali ta' ġestjoni ta' kummerċ jew negozju ta' Joseph Meilak. Għalhekk, trid tara jekk is-self li għamel l-attur jikkwalifikax bħala dejn, nefqa jew obbligazzjoni li sar għall-amministrazzjoni tal-akkwisti[30] jew obbligu li ntrabtu għalih il-miżżewġin Meilak flimkien[31]. Jirriżulta li meta Joseph Meilak issellef il-flus mingħand l-attur, l-imħarrka Benedetta Meilak ma kinitx preżenti. Iżda ma

---

[27] Ara, per eżempju, App. Ċiv **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Publius Micallef et***

[28] Ara, per eżempju, P.A. GCD **15.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cassar vs Francis Manġion et***; App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo et vs Anġlu Żahra pro et noe***; u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela DeMarco vs David DeMarco et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell **1.6.2007**)

[29] Art. 1327 tal-Kap 16

[30] Art. 1327(b) tal-Kap 16

[31] Art. 1327(d) tal-Kap 16

jirriżultax li dak nin-negozju sar minn wara daharha jew hi baqgħet ma tafx bih. Huwa minnu li hija tisħaq li qatt ma saret taf fid-dettal fiex kien jikkonsisti n-negozju, imma hija nnifisha xehdet[32] illi kienet ilha madwar ħames snin tara lill-attur jiġi d-dar tagħhom u jitkellem ma' żewġha u jirċievi xi ħlasijiet mingħandu. Kienet taf ukoll li dik l-obbligazzjoni ma kinitx twettqet kollha, tant li kienet dehret fuq att ta' konvenju għall-bejgħ tad-dar matrimonjali sa ftit żmien qabel ma miet żewġha. Minbarra dan, ma ċaħditx għal kollox dak li xehed l-attur, fis-sens li, ftit jiem wara li miet żewġha u matul telefonata li hu għamlilha, l-imħarrka kienet aċċertatu li, kif ikun hemm mnejn, jitħallas kulma kien għad fadallu jieħu;

Illi għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha flimkien jissarrfu fis-sehem tal-imħarrka fir-rabta magħmula minn żewġha lejn l-attur. Dan is-sehem kien jingħata sa minn żmien qabel ma żewġha miet, u għalhekk jikkostitwixxi l-kunsens mistenni mil-liġi fejn jidħlu atti ta' amministrazzjoni straordinarja. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dak is-self jiswa u jħalli l-effetti tiegħu fuq il-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-miżżewġin Meilak, u mhux biss fuq il-ġid partikolari tal-imsemmi Joseph Meilak. Dan ifisser ukoll li l-imħarrka Benedetta Meilak trid twieġeb bi ħwejjiġha (jiġifieri bis-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti u, jekk din ma tkunx biżżejjed, bil-ġid partikolari tagħha) għall-ħlas lura ta' dak id-dejn. Fi kliem ieħor, b'rieda espressa tal-liġi, il-kreditu li l-attur għandu favurih jiġi qabel krediti oħra (partikolari) li l-miżżewġin Meilak seta' kellhom ma' terzi[33];

Illi, minħabba li l-attur fetaħ il-kawża wara li Joseph Meilak kien miet, u għalhekk wara li l-komunjoni tal-akkwisti kienet inħallet, l-imħarrka trid twieġeb biss għal nofs id-dejn dovut lill-attur u dan trid tagħmel tajjeb għalih bis-sehem tagħha tal-komunjoni u, jekk dan ma jkunx biżżejjed, bil-ġid partikolari tagħha, kif fuq ingħad;

[32] Xhieda tagħha 15.1.2009, f'paġġ. 65 u 67 tal-proċess
[33] Art. 1328 tal-Kap 16

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-liċenza għas-self, il-Qorti tqis li mhux kull self li jsir u li jiswa jrid isir minn persuna li tkun liċenzjata. Kif tajjeb jgħid l-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, in-negozju li sar bejnu u Joseph Meilak kien self li sar darba bejn tnejn min-nies li kienu ħbieb u għal motivi personali li kien sab ma' wiċċu l-istess debitur. Ma ntweriex li l-attur kien jislef b'negozju u lanqas li Meilak issellef għal negozju jew investiment (kif donnu jimplika l-għaref difensur tal-imħarrka fit-trattazzjoni tal-għeluq). Li kieku kull self jew mutwu jeħtieġ li min jislef ikollu liċenza, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu XVII tal-Kodiċi Ċivili jinġiebu fix-xejn. F'dawk id-dispożizzjonijiet, ma tinsab l-ebda regola li tgħid li l-mutwant irid ikollu liċenza biex jislef;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba tal-attur għandha tintlaqa' fil-konfront tal-imħarrka Benedetta Meilak, iżda sal-limiti hawn fuq imfissra;

Illi, fl-aħħarnett, dwar **kemm huwa l-ammont dovut lill-attur**, ma għandu jkun hemm l-ebda diffikulta'. Huwa minnu li l-attur isemmi l-kreditu bħala dak rappreżentat mill-import taż-żewġ *cheques*, imma mix-xhieda tiegħu stess[34] ħareġ li fis-sewwa kien irċieva ħlasijiet akkont li jammontaw għal elf lira Maltin (Lm 1,000)[35] sa ma ġie nieqes Joseph Meilak. L-għaref difensur intrabat li jressaq Nota ta' riduzzjoni tat-talba[36], u din tressqet fil-5 ta' Mejju, 2008[37]. Għalhekk, il-kreditu dovut lill-attur huwa ta' wieħed u disgħin elf u sebgħa u sittin ewro (€ 91,067). Dan il-kreditu, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuqu, jrid jitħallas mill-wirt ta' Joseph Meilak u minn sehem martu l-imħarrka fil-komunjoni tal-akkwisti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[34] F'paġ,. 39 tal-proċess
[35] € 2,329.37 fi flus tal-lum
[36] Ara paġ. 40 tal-proċess
[37] Paġ. 45 tal-proċess

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba** fid-dawl tad-degriet tagħha tas-26 ta’ Frar, 2008;

**Teħles** lill-imħarrkin Raymond Meilak, Christopher Meilak, Herman Meilak u Veronica Tabone mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-attur, għaliex huma ma jweġbux għall-pretensjonijiet tiegħu fil-kwalita’ li huwa ħarrikhom fiha, ladarba irrinunzjaw għall-wirt ta’ missierhom;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrka Benedetta Meilak, għaliex m’humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** billi tiddikjara li l-attur huwa kreditur tal-wirt ta’ Joseph Meilak u tal-imħarrka Benedetta Meilak fis-somma ta’ € 91,067, iżda l-imsemmija Benedetta Meilak hija responsabbli għall-ħlas ta’ nofs dak l-ammont biss, salv kull jedd ieħor li l-attur jista’ jkollu għall-ġbir tal-bilanċ tal-kreditu lilu dovut mill-wirt battal ta’ Joseph Meilak;

**Tikkundanna lill-imħarrka** Benedetta Meilak tħallas lill-attur is-somma ta’ ħamsa u erbgħin elf ħames mija u tlieta u tletin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 45,533.50), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-5 ta’ Awwissu, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tordna** li l-imħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk marbuta mal-imħarrkin l-oħrajn**.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------